

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-4 ta' Settembru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Vestre Landsret - id-Danimarka) – Skatteministeriet vs KPC Herning

(Kawża C-71/18) ⁽¹⁾

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Bejgħ ta' art li fuqha jinsab bini fil-mument tal-kunsinna – Klassifikazzjoni – Artikoli 12 u 135 – Kunċett ta' “art għall-iżvilupp” – Kunċett ta’ “bini” – Evalwazzjoni tar-realtà ekonomika u kummerċjali – Evalwazzjoni tal-elementi oġġettivi – Intenzzjoni tal-partijiet)

(2019/C 383/17)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Vestre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Skatteministeriet

Konvenuta: KPC Herning

Dispożittiv

L-Artikolu 12(1)(a) u (b), (2) u (3) kif ukoll l-Artikolu 135(1)(j) u (k) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li tranżazzjoni ta' provvista ta' art li hemm bini fuqha, fid-data ta' din il-kunsinna, ma tistax tiġi kklassifikata bħala provvista ta' “art għall-bini” meta din it-tranżazzjoni hija ekonomikament indipendent minn provvisti oħra u flimkien ma' din ma hijiex tranżazzjoni unika, anki jekk l-intenzzjoni tal-partijiet kienet li l-bini jkun totalment jew parżjalment imwaqqqa' sabiex jinbena bini ġidid.

⁽¹⁾ ĠU C 134, 16.4.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-10 ta' Settembru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-High Court (l-Irlanda) - l-Irlanda) – Nalini Chenchooliah vs Minister for Justice and Equality

(Kawża C-94/18) ⁽¹⁾

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Artikolu 21 TFUE – Dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberamente fit-territorju ta' Stat Membru – Direttiva 2004/38/KE – Artikolu 3(1) u Artikoli 15, 27, 28, 30 u 31 – Kunċett ta' “benefiċjarju” – Ċittadin ta' Stat terz konjugi ta' cċittadin tal-Unjoni li eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu – Ritorn ta' cċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru li tiegħu għandu n-nazzjonaliità fejn qiegħed jiskonta piena ta' priġunerija – Rekviziti imposti fuq l-Istat Membru ospitanti bis-saħħha tad-Direttiva 2004/38/KE meta tittieħed deċiżjoni ta' tneħħija tal-imsemmi cċittadin ta' Stat terz)

(2019/C 383/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

High Court (l-Irlanda)